# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 181/2019 MH**

**Illum, 11 ta' Novembru, 2020**

**Joseph Micallef (K.I. 250670M)**

**vs**

**Port Workers Board u l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tal-Malta Dockers' Union (Reg Number 287) u l-Inġinier Ryan Fava (K.I. 51880M) tal-15 t'April 2019** permezz ta' liema esponew illi l-Union rikorrenti tirrappreżenta l-interessi tal-ħaddiema liċenzjati tax-Xatt kollha filwaqt li r-rikorrent l-ieħor huwa l-President tal-istess Union u ħaddiem liċenzjat tax-Xatt. Qalu wkoll li t-talbiet tal-attur, jekk jintlaqgħu, kienu ser jimpattaw avversament u b'mod mill-aktar serju u drastiku fuq id-drittijiet tal-ħaddiema liċenzjati tax-xatt kollha u fuq is-sistema tax-xogħol tal-port infisha u b'konsegwenzi negattivi fuq il-pajjiż. Għalhekk ir-rikorrenti talbu li jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis* peress li fil-fehma tagħhom huma għandhom kull

interess skont il-liġi sabiex ikunu parti minn dawn il-proċeduri li jolqtu d-drittijiet u l-pożizzjoni tal-Union u tal-membri tagħha. Huma talbu wkoll lill-Qorti tawtorizzahom iressqu risposta ġuramentata taħt kull provvediment li jidhrilha opportun.

Rat illi l-konvenuti fil-kawża ma opponewx għal tali talba u rrimettew ruħhom għall-ġudizzju tal-Qorti.

Rat **ir-risposta tal-attur tat-13 ta' Mejju 2019** għar-rikors imsemmi permezz ta' liema oppona għal tali talba għax fil-fehma tiegħu ir-rikorrenti m'għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ skont il-liġi sabiex jintervjenu fil-kawża. Bla preġudizzju għal dan huwa oppona wkoll għat-talba anċillari tar-rikorrenti sabiex jippreżentaw risposta ġuramentata.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għall-provvediment dwar ir-rikors imsemmi tal-15 t'April 2019.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

**L-artikolu 960 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk:

*"960. Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors, jiġi mdaħħal in statu et terminis, bħala parti fil-kawża, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad*

*kemm fil-qorti fi grad ta' appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha."*

Huwa prinċipju rassodat fil-ġurisprudenza illi sabiex persuna tiġi ammessa bħala ntervenuta f'kawża, hija jeħtiġielha tissodisfa r-rekwiżit tal-interess f'dik l-istess kawża, liema nteress għandu jkun wieħed li jsib il-bażi tiegħu fil-liġi.

Kif intqal fil-każ fl-ismijiet **Mario Galea Testaferrata et v Il-Prim Ministru et deċiża fl-10 ta' Jannar 2005**[1], il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet kif ġej:

*"Issa, fil-liġi tagħna l-istitut ta' l-intervent fil-kawża hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-interess meħtieġ sabiex wieħed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess ġuridiku, u ċioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawża u mhux sempliċement interess fl-eżitu ta' dik il-kawża bil-ħsieb li dak l-eżitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pożittivi jew negattivi, f'kawża jew kawżi oħra futuri (ara, passim, **Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon Tabone** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004; **Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott** Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02). Fi kliem ieħor, l-intervenut fil-kawża jitlob li jintervjeni, u għandu jiġi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tiegħu f'dik il-kawża partikolari u mhux f'kawża jew kawżi oħra li talvolta jistgħu jiġu intavolati."*

Fil-kawża odjerna l-attur qiegħed jattakka r-Regolamenti Dwar il-Ħaddiema tal-Port (L.S.171.02) kif sussegwentement emendati għax fil-fehma tiegħu dawn qegħdin jiddiskriminaw kontrih. Bħala rimedju qiegħed jitlob li jingħata d-dritt li ismu jitniżżel fuq ir-Reġistru tal-Ħaddiema tal-Port u/jew jingħata l-liċenzja a tenur tal-Ordinanza Dwar il-Ħaddiema tal-Port.

[1] Qorti Kostituzzjonali App Nru 348/91

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti Malta Dockers' Union għandha l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* stante li l-eżitu tal-kawża odjerna jista' jkollu effett dirett fuq id-drittijiet tagħha u dawk tal-membri li hija tirrappreżenta.

Mhux l-istess jista' jingħad għar-rikorrent l-ieħor l-Inġinier Ryan Fava kemm fil-kwalita' tiegħu ta' President tal-Malta Dockers' Union u fil-kwalita' tiegħu ta' ħaddiem tax-Xatt in kwantu d-drittijiet u l-interessi tiegħu ser ikunu ben rappreżentati mill-Union rikorrenti.

Jifdal għalhekk it-talba tal-Malta Dockers' Union sabiex tingħata l-opportunita' li tressaq risposta ġuramentata.

Issir referenza għas-sentenza **Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonici et vs Evelyn Micallef et deċiż fl-10 ta' Jannar 2007** fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

*"Bħala terz interessat ammess fil-proċeduri hu jista' anke "sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro, provocare una decisione entro i limiti dell' azione intentata" (Kollez. Vol. XVI P I p 117). Huwa veru illi skond il-vot tal-liġi (Artikolu 960) l-intervenut fil-kawża ma jissospendix il-proċediment. B' danakollu, kif issokta jiġi enunċjat, "dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu għadhom iridu jsiru għall-istruzzjoni tal-kawża, l-intervenut ma jistax japprofitta ruħu mill-mezzi kollha li tagħtih il-liġi biex iġib 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu" (Kollez. Vol. XXXII P I p 477).* ***Minn dan jitnissel illi la darba akkolta t-talba tiegħu biex jiddaħħal fil-kawża, huwa kellu d-dritt li jipparteċipa fl-inċidenti kollha tagħha u li, sa dak il-mument, kienu għadhom***

***mhux deċiżi. Dan hu seta' jagħmlu anke billi jressaq l-eċċezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom***[2]. *Ara "**Joseph Galea -vs- Alfred Cardona**", Appell Kummerċjali, 28 ta' Lulju 1987 u l-każistika f' din kompendjata;"*

Fil-każ **Paul Fiorentino et vs David Jones noe deċiż fil-5 t'Ottubru 2018** il-Qorti tal-Appell kompliet tgħid hekk -

*"27. Illi persuna li tintervjeni "ad adiuvandum" tal-parti mħarrka f'kawża u fil-waqt xieraq tal-mixja tagħha, tista' wkoll tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li saħansitra fejn il-parti mħarrka f'kawża tkun waqgħet kontumaċi*[3]*, il-parti li daħlet fil-kawża "in statu et terminis" kellha l-jedd mhux biss li tressaq l-atti ġudizzjarji xierqa u kompatibbli mal-istat li tkun waslet fih il-kawża meta jsir dak l-intervent, imma "li ġġib 'il quddiem l-argumenti u r-raġunijiet tagħha, sija pure f'nota tal- eċċezzjonijiet, kif ukoll li tipproduċi l-provi in sostenn ta' dak li tkun qegħda tissottometti*[4]*";*

*28. Illi dan kollu jfisser li parti li tidħol f'kawża minn jeddha dwar interess li jolqot il-mertu tal-każ, hija mogħtija mil-liġi s-setgħat kollha mogħtija lil kull parti oħra f'dik il-kawża, imbasta b'daqshekk ma jkunx hemm waqfien fil-kawża. Dan jingħad minkejja li l-parti intervenuta minn jeddha ma tistax qatt tkun kundannata tħallas l-ispejjeż tal-kawża jew din tinqata' kontra l-interess li wriet li kellha fil-kwestjoni u kif ukoll lanqas tista' "tirbaħ" l-ispejjez f'każ ta' eżitu favorevoli għal dak l-interess*[5]*;*

*29. Illi l-appellanti għalhekk iqisu li, hekk kif l-Ewwel Qorti tathom li jidħlu fil-kawża bħala intervenuti, tnissel favurihom jedd li huma jressqu Tweġiba*

[2] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[3] Ara P.A. LFS 29.10.2010 fil-kawża fl-ismijiet Alex Azzopardi vs Anna Ellul et. (mhux appellata)
[4] App Ċiv. 20.12. 1946 fil-kawża fl-ismijiet Farrugia vs Stivala (kollez Vol XXXIX. Ii. 477) u App.Kumm. 28.7.1987 fil-kawża fl-ismijiet Galea vs Cardona 9kollez Vol. LXXI.i.329)
[5] P.A. 20.6.1936 Cortis vs Staines noe kollez Vol. XXIX.ii.1116

*Maħlufa b'kull eċċezzjoni li parti f'kawża tista' tqajjem sa mill-bidu tagħha. Huma jagħrfu wkoll li ma jistgħux iqajmu eċċezzjonijiet li dwarhom tkun ingħatat deċiżjoni: iżda, lil hinn minn hekk, jgħidu li huma jistgħu jressqu kull eċċezzjoni oħra. Biex isaħħu din il-fehma l-appellanti jistrieħu fuq l-iskorta ta' deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin f'dan ir-rigward;*

*30. Illi l-Qorti ma taqbilx lanqas mas-sottomissjonijiet tal-appellanti f'dan ir-rigward. Fl-ewwel lok, l-argument tal-appellanti jmur kontra dak li tgħid il-liġi u daqstant ieħor kontra dak li għandu jinftiehem b'persuna li tintervjeni f'kawża "in statu et terminis".* ***Il-liġi nnifisha trid li l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri ta' kawża li tkun miexja. Dan dejjem inftiehem li jfisser li l-intervenut jidħol f'kawża mhux bħala parti u jidħol fil-kawża fl-istadju li tkun waslet***[6]*. Li kieku kellu jintlaqa' l-argument tal-appellanti, mhux biss ma tkunx qiegħda tinżamm id-distinzjoni bejn min jintervjeni f'kawża ('intervent volontarju') u min jissejjaħ f'kawża ('intervent koatt'), iżda jkun qiegħed jingħata lil min jintervjeni f'kawża benefiċċju aqwa minn min jissejjaħ f'kawża, billi tal-ewwel ma jbatix spejjeż u ma jistax ikun kundannat fl-eventwali sentenza li tingħata mqar fuq eċċezzjoni mqajma minnu nnifsu*[7]*;*

*31. Illi, fit-tieni lok,* ***ladarba skond il-liġi ingħalaq l-istadju tal-proċeduri bil-miktub, dan jorbot ukoll lill-intervenuti appellanti u lil kull min, bħalhom, jista' jagħżel li jidħol fil-kawża****.* ***Sakemm ma tinħalaqx ċirkostanza fejn, b'rieda espressa tal-liġi, dak l-istadju jerġa' jinfetaħ, ir-rimedji mogħtija mil-liġi lill-appellanti intervenuti huwa dak li jressqu atti li jiġbru fil-qosor ir-raġunijiet tagħhom fil-kawża***[8] ***u li jagħmlu s-sottomissjonijiet li jidhrilhom xierqa fuq l-atti tal-kawża kif inhuma***[9]*;"*

---

[6] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[7] Ara appell ċivili 31.1.1996 fil-kawża fl-ismijiet Buġagiar pro et noe vs Psaila (Kollez Vol.XXX.ii.339)
[8] Art 165 tal-kap 12.
[9] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali għat-talba odjerna, l-Qorti sejra f'dan l-istadju tiċħad it-talba tal-Malta Dockers' Union għal preżentata ta' risposta ġuramentata peress li l-istadju tal-proċeduri bil-miktub huma diġa' magħluqa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi kif ġej dwar ir-rikors in eżami tal-15 t'April 2019 –**

**1. Tiċħad it-talba tar-rikorrent l-Inġinier Ryan Fava sabiex jintervjeni *in statu et terminis* fil-kawża odjerna;**

**2. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti Malta Dockers' Union sabiex tintervjeni *in statu et terminis* fil-kawża odjerna u tordna li ssir l-annotazzjoni meħtieġa fl-okkju tal-kawża;**

**3. Tiċħad it-talba tal- Malta Dockers' Union sabiex tippreżenta risposta ġuramentata peress li f'dan l-istadju l-proċeduri bil-miktub fil-kawża odjerna huma diġa' magħluqa.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**